**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 15 ta' Gunju, 2016**

**Citazzjoni Nru: 871/2011 AF**

**SB Autocentre Limited (C-16378)**

**vs**

**Caymania Limited (C-22906)**

**Paolo Bonnici Limited (C-4186)**

**Anthony Farrugia Company Limited (C-12043)**

**U**

**Ir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali u b'digriet tal-21 ta' Gunju 2012, gie korrett ghal Direttur, Qrati Civili u Tribunali**

**Id-Direttur Generali (Qrati)**

**L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**Emanuel Deguara ghal kull interess illi jista' jkollhom**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta attriċi SB Autocentre Limited li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti hija proprjetarja tal-vettura tal-marka "KIA" tip 'Carnival 2.9TDI' bin-numru tar-registrazzjoni 'DAN 611'.

Fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elfejn (2000), l-istess socjetà rikorrenti kienet dahlet fi ftehim mas-socjetà konvenuta Caymania Limited dwar din il-vettura; senjatament kuntratt ta' *hire/purchase*.

Effettivament, din il-vettura kienet giet irregistrata f'isem il-konvenuta Caymania Limited mal-Awtorità dakinhar responsabbli mir-registrazzjoni ta' vetturi u trasferiment taghhom, u dana abbazi ta' l-hekk imsejha *Regulation 25*.

Dan kollu jfisser illi l-proprjetà tal-vettura *de quo* kellha tghaddi f'idejn l-imsemmija socjetà konvenuta Caymania Limited biss meta l-bilanc dovut ghall-istess ikun thallas fl-interità tieghu.

Minkejja l-iskrittura surreferita, però, s-socjetà konvenuta Caymania Limited baqghet ma hallsitx l-ammont dovut lir-rikorrenti skond il-ftehim vinkolanti bejn il-partijiet, tant illi illum dina l-istess socjetà hija debitrici fil-konfront tar-rikorrent fl-ammont ta' hmistax-il elf sitt mija u sittax-il Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€15,616.43).

Jidher illi permezz ta' sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, Malta, is-socjetà konvenuta Paolo Bonnici Limited giet kanonizzata kreditrici tas-socjetà konvenuta Caymania Limited u tad-driettur taghha Anthony Dowling, u dana fl-ammont ta' elf mitejn hamsa u ghoxrin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€1,225.51), oltre l-imghax u l-ispejjez ta' dik il-procedura.

In kawtela tal-kreditu taghha, l-istess Paolo Bonnici Limited kienet qabdet il-vettura proprjetà tal-esponenti permezz tal-Mandat ta' Qbid bin-numru 2208/2006 mahrug mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Aktar tard, l-istess socjetà konvenuta kienet ipprezentat rikors fejn talbet il-bejgh in subasta tal-vettura proprjetà tal-esponenti, liema rikors gie prrezentat quddiem din l-Onorabbi Qorti.

Permezz ta' digriet moghti fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disa' (2009), din l-Onorabbli Qorti ordnat il-bejgh bl-irkant tal-vettura surreferita, liema vettura giet effettivament liberata fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) a favur tal-istess socjetà konvenuta Paolo Bonnici Limited u tas-socjetà konvenuta l-ohra Anthony Farrugia Co. Limited.

Dan kollu sehh ad insaputa tas-socjetà rikorrenti u meta l-imsemmija vettura ma kienitx proprjetà tal-imsemmi Anthony Dowling u anqas ma kienet proprjetà tas-socjetà konvenuta Caymania Limited, izda kienet minflok proprjetà tas-socjetà rikorrenti stess.

Huwa car illi fi procedura bhal ma hi dik ta' subasta, tista' tinbiegh biss proprjetà tad-debitur, u ta hadd iktar. Fil-fatt dan kollu johloq pregudizzju gravi fil-konfront tas-socjetà esponenti stante illi l-vettura illi nbieghet permezz tas-subbasta surreferita kienet ghadha proprjetà taghha, u ta hadd aktar.

Di più l-proceduri li wasslu ghall-liberazzjoni tal-vettura *de quo* huma nulli ghal zewg ragunijiet ohra: (a) Fl-ewwel lok, il-proceduri saru fil-konfront tas-socjetà "Cay Marie Limited" li sa fejn taf l-esponenti lanqas biss tezisti u jekk tezisti certament ma kellha ebda drittijet fuq il-vettura oggett tas-subasta fuq imsemmija; u (b) Fit-tieni lok, l-imsemmija socjetà "Cay Marie Limited" ma kienitx is-socjetà konvenuta u sokkombenti fil-proceduri quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar istitwiti minn Paolo Bonnici Limited.

Jigi rilevat ulterjorment illi s-subbasta surreferita *per se* saret quddiem Qorti inkompetenti ratione valoris, illi lanqas ma kienet il-Qorti li giet adita meta nhareg il-mandat ta' qbid fuq il-vettura *de quo* ad istanza tas-socjetà Paolo Bonnici Limited.

Kien biss recentement, senjatament wara l-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 181/2011 illi s-socjetà esponenti saret taf b'dan kollu, kif ukoll bil-fatt illi l-imsemmija vettura tinsab prezentement registrata f'isem il-konvenut Emanuel Deguara. Dana l-mandat kawtelatorju nhareg mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Generali) fuq talba tas-socjetà rikorrenti stess.

Is-socjetà rikorrenti ghandha kull interess illi mehud in konsiderazzjoni l-fatt li s-socjetà intimata Caymania Limited naqset illi thallas l-ammont pattwit bhala prezz tal-vettura, u prevja ghalhekk ix-xoljiment tal-kuntratt ta' hire/purchase ffirmat bejn ir-rikorrenti u l-istess Caymania Limtied jigi ddikjarat li din il-vettura kienet u baqghet dejjem proprjetà tal-esponenti u ta hadd iktar.

Ghaldaqshekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi s-socjetà konvenuta Caymania Limited naqset milli thallas l-prezz pattwit ghall-bejgh tal-vettura "KIA" tip 'Carnival 2.9TDI' bin-numru tar-registrazzjoni 'DAN 611', u li effettivament din hija debitrici fil-konfront tas-socjetà rikorrenti versu l-ammont ta' hmistax-il elf sitt mija u sittax-il Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€15,616.43), rapprezentanti bilanc mill-imsemmi prezz.

2. Tiddikjara ghalhekk li hemm lok li l-kuntratt ta' *hire/purchase* ffirmat bejn il-partijiet jigi xjolt, kif ukoll illi l-imsemmija vettura kienet dejjem u ghadha proprjetà tar-rikorrenti.

3. Tiddikjara illi l-procedura ta' subbasta (mobbli) bin-numru 84/2009 fl-ismijiet 'Paolo Bonnici Limited vs Anthony Dowling pro et' hija leziva tad-drittijiet tas-socjetà rikorrenti, tant illi tali proceduri ma setghet qatt tigi esegwita gialadarba l-proprjetà formanti l-mertu tal-istess ma kienitx proprjetà tad-debitur f'dik il-procedura, izda kienet minflok proprjetà tas-sojcetà rikorrenti.

4. Tiddikjara illi l-istess proceduri huma irriti u nulli kemm ghaliex saru fil-konfront ta’ socjetà inezistenti, u fi kwalsiasi kaz socjetà li ma kellha qatt xi drittijiet fuq il-vettura *de quo*; kemm ghax dawn ma sarux kontra s-socjetà konvenuta u sokkombenti fil-proceduri quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar istitwiti minn Paolo Bonnici Limited; kif ukoll ghaliex dawn saru quddiem Qorti inkompetenti *ratione valoris* li lanqas ma kienet il-Qorti originarjament adita meta gie pprezentat ir-rikors ghall-hrug ta’ mandat ta’ qbid fuq l-imsemmija vettura.

5. Konsegwentement tiddikjara illi l-liberazzjoni maghmula mir-Registratur ta’ din l-Onorabbli Qorti a favur is-socjetà konvenuta Paolo Bonnici Limtied u s-socjetà konvenuta Anthony Farrugia Co. Limited hija nulla u bla effett u tordna l-kancellament tal-istess liberazzjoni billi taghti wkoll dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni.

6. Konsegwentement tordna lill-Awtorità konvenuta sabiex taghmel il-korrezzjonijiet relattivi bil-ghan illi l-vettura *de quo* terga tigi rregistrata f’isem is-socjetà rikorrenti.

7. Tordna r-rilaxx tal-imsemmija vettura a favur is-socjetà rikorrenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta ‘qbid kawtelatorju pprezentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Generali) bin-numru 181/2011 fl-ismijiet ‘SB Auto Centre Ltd vs Caymania Ltd’ kontra l-konvenuti illi huma minn issa ingunti in subizzjoni.

U b’riserva cara ghal kwalsiasi dritt iehor spettanti lill-esponenti skond il-ligi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta Paolo Bonnici Limited li permezz tagħha eċċepiet illi:

1. It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li, kif ammess mill-istess socjetà rikorrenti, is-socjetà esponenti giet ikkanonizzata kreditrici tal-intimat debitur, saret il-procedura ta' subbasta in ezekuzzjoni tal-istess sentenza, wara l-Mandat ta' Qbid, u l-vettura maqbuda giet liberata favur is-socjetà esponenti; u sussegwentement ittrasferita lil terzi.

2. Il-proceduri ta' subbasta, saru legittimament, konformi mal-ligi, u taht l-Awtorità tal-Qorti. Tali procedura llum ma jistghux jigu kkontestati jew attakkati mis-socjetà rikorrenti.

3. Jekk kif qed tallega s-socjetà attrici ghandha xi pretensjoni kontra s-socjetà Caymania Limited, ghandha tipprocedi kontriha, izda ma tistax tippretendi li tesegwixxi fuq il-vettura DAN 611 li llum hi legalment proprjetà ta' terzi.

Bl-ispejjez kontra s-socjetà rikorrenti.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta konvenuta Anthony Farrugia Company Limited li permezz tagħha eċċepiet illi:

1. It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li, kif ammess mill-istess socjetà rikorrenti, is-socjetà esponenti giet ikkanonizzata kreditrici tal-intimat debitur, saret il-procedura ta' subbasta in ezekuzzjoni tal-istess sentenza, wara l-Mandat ta' Qbid, u l-vettura maqbuda giet liberata favur is-socjetà esponenti; u sussegwentement ittrasferita lil terzi.

2. Il-proceduri ta' subbasta, saru legittimament, konformi mal-ligi, u taht l-Awtorità tal-Qorti. Tali procedura llum ma jistghux jigu kkontestati jew attakkati mis-socjetà rikorrenti.

3. Jekk kif qed tallega s-socjetà attrici ghandha xi pretensjoni kontra s-socjetà Caymania Limited, ghandha tipprocedi kontriha, izda ma tistax tippretendi li tesegwixxi

fuq il-vettura DAN 611 li llum hi legalment proprjetà ta' terzi.

Bl-ispejjez kontra s-socjetà rikorrenti.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Awtorità għat-Trasport f'Malta li permezz tagħha eċċepiet illi:

1. In linea preliminari l-Awtorità intimata mhiex il-legittimu kuntradittur u ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjetà rikorrenti peress illi l-kwistjoni mertu tal-kawza odjerna hija kwistjoni bejn is-socjetà rikorrenti u l-intimati l-ohra biss.

2. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorità intimata giet involuta f'dawna l-proceduri solament sabiex taghmel il-korrezzjonijiet relattivi bil-gahm illi l-vettura *de quo* terga' tigi rregistrata f'isem is-socjetà rikorrenti, u dana biss jekk dina l-Onorabbli qorti tilqa' t-talbiet tas-socjetà rikorrenti. Fid-dawl ta' dana, fir-rigward tal-mertu tal-kawza odjerna, l-Awtorità intimata tirrimetti ruhha ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti izda tecepixxi minn issa li m'ghandha tbati jew tehel ebda spejjez kemm ta' dawn il-proceduri u kif ukoll tal-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 181/2011 fl-ismijiet 'SB Auto Centre Ltd vs Caymania Ltd' mitluba mis-socjetà rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali u d-Direttur Ġenerali (Qrati) li permezz tagħha ġie eċċepit:

1. Preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija monka u nulla fil-konfront tal-eccipjenti Direttur, Qrati Civili u Tribunali stante li l-azzjoni giet intavolata kontra entità, ossia r-Registratur Qrati Civili u Tribunali, li ma huwiex aktar kontemplat fil-Ligi, u ghalhekk l-eccipjenti Direttur, Qrati Civilu u Tribunali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Fi kwalunkwe kaz u bla ebda pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjenti assolutament mhumiex il-legittimi kontraditturi u gew traxxinati f'dawn il-proceduri bla ebda bzonn u kwindi ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

3. Bla pregudizzju ghas-sueccepit, fil-konfront tal-eccipjenti, t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

4. Bla pregudizzju ghas-sueccepit, fil-meritu kwantu jirrigwarda t-talbiet dwar is-subbasta l-eccipjenti Direttur, Qrati Civili u Tribunali jirrileva illi huwa jirrimetti ruhhu ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti, b'dan illi jirrileva li huwa m'ghandu jbati ebda spejjez.

5. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Emanuel Deguara li permezz tagħha eċċepixxa illi:

1. Preliminarjament, il-pretiza ta' kreditu vantata mis-socjetà attrici fis-somma ta' hmistax-il ef sitt mija u sittax-il Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€15,616.43) abbazi ta' allegat ftehim ta' *hire/purchase* hija preskirtta ai termini tal-Artiklu 2156 (f) tal-Kodici Civili (Kap. 16 Ligijiet ta' Malta). Konsegwentement, it-talbiet l-ohrajn imressqin mis-socjetà attrici li huma bbazati fuq il-pretiza ta' l-allegata somma dovuta mis-socjetà konvenuta Caymania Limited huma wkoll improponibbli.

2. Preliminarjament ukoll ghandu jirrizulta li din il-kawza kif imressqa mis-socjetà rikorrenti hija intempestiva u li f'dan l-istadju, it-talba ghan-nullità tal-procedura tas-subbasta bin-numru 84/2009 hija improponibbli quddiem din l-Onorabbli Qorti li ghandha tigi konsidrata bhala mhux vestita bil-gurisdizzjoni biex tikkonsidra tali talba stante li kwalsiasi talba f'dan is-sens kellha ssir fl-atti tas-subbasta numru 84/2009 u mhux permezz tal-kawza odjerna.

Kwalsiasi allegat jedd pretiz mis-socjetà rikorrenti fuq il-vettura in kwistjoni kellu jigi pretiz minnha waqt l-istess proceduri tas-subbasta.

3. L-esponent ma jista' qatt jitqies bhala legittimu kontradittur f'din il-kawza stante li ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejnu u bejn is-sojcetà rikorrenti.

4. Is-socjetà rikorrenti ma ghandha l-ebda dritt li tivvanta kwalsiasi pretiza fuq il-vettura KIA Carnival bin-numru tar-registrazzjoni DAN 611, stante li minn imkien ma jirrizulta li din ghadha taghha, anzi ghal kuntrarju, kollox jindika li t-titolu tal-istess vettura kien gie trasferit mis-socjetà rikorrenti fil-25 ta' Jannar tas-sena 2000 u minn dak iz-zmien l-istess vettura kellha diversi sidien ohra qabel ma eventwalment giet akkwistata mill-esponent u ttrasferita fuq ismu b'mod regolari skond il-proceduri dettati mill-ligi.

5. Kemm in vista tas-sueecepit, kif ukoll fil-mertu, u ghal bosta ragunijiet li ser jirrizultaw matul il-mori ta' din il-kawza, ghandu jirrizulta wkoll li fi kwalunkwe kaz, it-talbiet tas-socjetà attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li:

a) Minkejja li s-socjetà rikorrenti tallega illi wara li hija bieghet il-vettura de quo u cioè l-vettura KIA Carnival bin-numru ta' registrazzjoni DAN 611 lis-socjetà Caymania Ltd fil-25 ta' Jannar 2000, hija kienet giet irregistrata mal-Awtorità li dak iz-zmien kienet responsabbli mir-registrazzjoni tal-vetturi abbazi ta' l-hekk imsejha Regulation 25 u li hija kienet zammet it-titolu tal-vettura sakemm il-bilanc dovut kien ikun kollu mhallas, minn imkien ma jirrizulta li dan kien il-kaz tant li eventwalment l-istess vettura kienet giet illeberata favur terzi minghajr ebda impediment.

b) Is-socjetà attrici certament ma ghadhiex titolu tal-vettura de quo u ghaldaqstant l-ebda talba ghal kwalsiasi korrezzjoni mitluba mis-socjetà attrici

minghand l-Awtorità ghat-Trasport f’Malta m’ghandha tigi milqugha.

6. Minghajr pregudizzju ghal dak kollu li qed jigi eccepit, jizdied ukoll li s-socjetà rikorrenti ghandha fi kwalunkwe kaz tressaq provi dwar il-pretiza ta’ kreditu vantata minnha kontra s-socjetà Caymania u tipprova x’inhu l-ammont dovut mill-istess socjetà.

7. Fi kwalunkwe kaz, jekk stess kellu jkun il-kaz li s-socjetà konvenuta Caymania Limited hija debitrici tas-socjetà rikorrenti u/jew jekk stess kien il-kaz li kien sar xi zball fir-registrazzjoni tal-istess vettura, jew li kieku qatt kien il-kaz li sar xi zball waqt il-procedura ta’ subbasta u eventwali liberazzjoni tal-istess vettura, certament ma ghandux ikun l-esponent konvenut li jbati ghal tali nuqqasijiet, mentri prezentement l-aktar persuna li qed issofri danni u inkonvenjent huwa proprjru l-esponent stante li minkejja li dan akkwista l-vettura in kwistjoni b’mod regolari propju ghaliex din kienet giet regolarment liberata wara subbasta u b’hekk inxtrat minghandu in buona fede assoluta, dan spicca spussessat mill-istess vettura minghajr bla ebda htija.

8. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat illi s-soċjetà konvenuta Caymania Limted minkejja li debitament notifikata bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni baqgħet ma dehritx u lanqas ippreżentat risposta għat-talbiet miġjuba kontriha.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet ta’ wħud mill-partijiet

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti jirriżulta illi permezz ta' skrittura privata ta' *hire purchase* datata 25 ta' Jannar 2000, is-soċjetà attriċi daħlet fi ftehim mas-soċjetà konvenuta Caymania Limited illi permezz tagħha ġie miftihem illi s-soċjetà konvenuta msemmija kienet ser tixtri mingħand is-soċjetà attriċi b'*hire purchase* il-vettura tat-tip Kia Carnival bin-numru tar-reġistrazzjoni DAN 611. Il-prezz li kien għad jonqosha tħallas is-soċjetà konvenuta fuq dan il-ftehim (peress li parti mill-ftehim kien ukoll tpartit ma' vettura oħra) kien ta' Lm12396, illum €28,875. Dawn kellhom jitħallsu lis-soċjetà attriċi mis-soċjetà konvenuta msemmija f'pagamenti mensili ta' Lm206.60, illum €481. Minn dan l-ammont, ir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi Raymond Bajada jispjega li s-soċjetà konvenuta baqgħet qatt ma ħallset l-ammont ta' €15,616.43. In sostenn tal-allegazzjoni tiegħu huwa ppreżenta kopja tal-kont ta' Anthony Dowling għan-nom ta' Caymania Limited. Fl-affidavit tiegħu, Raymond Bajada jispjega li fil-bidu Caymania Limited kienet tħallas b'mod regolari iżda wara ftit żmien bdiet taqa' lura fil-ħlas. Huwa spjega li l-aħħar pagament li għamlet is-soċjetà konvenuta kien pagament ta' mitt lira fis-27 ta' Ottubru 2006. Minkejja dan, is-soċjetà attriċi ma ħaditx passi ġudizzjarji fil-konfront tas-soċjetà konvenuta Caymania Limited sabiex tiġbor l-ammont dovut.

Raymond Bajada jispjega li kemm il-darba prova jagħmel kuntatt ma' Anthony Dowling li ffirma l-kuntratt msemmi għan-nom ta' Caymania Limited iżda qatt ma rnexxielu. Huwa jgħid ukoll illi kemm il-darba pprova jilmaħ il-vettura in kwistjoni u kien proprju wara diversi xhur ifittex illi kien ra l-vettura, li kienet għadha bl-istess numru ta' reġistrazzjoni, ġewwa r-Rabat, Għawdex.

Dak inhar stess u fuq talba tas-soċjetà attriċi, l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) ordnat il-ħruġ ta' mandat ta' qbid kawtelatorju fuq il-vettura in kwistjoni. Din il-vettura nstabet fil-pusses tal-konvenut Emanuel Deguara li kien xtara din il-vettura mingħand l-*autodealer* Alfred Mansueto li minn naħa tiegħu kien xtraha mingħand ċertu Neville Grech.

Jirriżulta li s-soċjetà konvenuta Paolo Bonnici Limited, wara li ottjeniet titolu eżekuttiv fil-konfront tas-soċjetà konvenuta

Caymania Limited u Anthony Dowling personalment[1], esegwiet mandat ta' qbid fuq il-vettura in kwistjoni, u dan peress illi kienet irreġistrata mal-Awtorità konvenuta f'isem Caymania Limited. Peress illi Anthony Dowling u Caymania Limited baqgħu ma ressqux għall-ħlas tal-ammont ta' €2326.48 li huma kienu kkundannati jħallsu fis-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, is-soċjetà konvenuta Paolo Bonnici Limited għamlet talba lil din il-Qorti diversament presjeduta sabiex tordna l-bejgħ bis-subbasta tal-vettura. Din it-talba ġiet milqugħa. Peress illi kemm is-soċjetà konvenuta Paolo Bonnici Limited kif ukoll Anthony Farrugia Company Limited li kienet ukoll kreditriċi tas-soċjetà Caymania Limited għamlu offerta *animo compensandi*, il-vettura in kwistjoni ġiet rilaxxata favur is-soċjetajiet konvenuti Paolo Bonnici Limited u Anthony Farrugia Company Limited li imbaghad biegħuha lill-terzi kif diġà ġie spjegat b'mod illi finalment spiċċat fil-pussess tal-konvenut Emanuel Deguara.

Il-vettura in kwistjoni kienet reġistrata mal-Awtorità konvenuta f'isem is-soċjetà konvenuta Caymania Limited skont ir-Regolament 25 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur peress li l-vettura kienet ser tinxtara bi ftehim ta' *hire purchase*. Jirriżulta li permezz ta' ittra datata 22 ta' Frar 2007 Raymond Bajada għan-nom tas-soċjetà attriċi kien bagħat jinforma lill-Awtorità li Caymania Limited kienet naqset milli tħallas l-ammont kollu dovut għax-xiri tal-vettura u għaldaqstant huwa talab illi tibqa' fis-seħħ ir-restrizzjoni fuq it-*transfer* tal-karozza lill-terzi. L-Awtorità wieġbet għal din l-ittra permezz ta' ittra datata 20 ta' Marzu 2007 fejn is-Sur Bajada ġie nfurmat illi l-Awtorità kienet irreġistrat *transfer restriction* fuq il-vettura. Minkejja dan, jirriżulta li din it-*transfer restriction* tneħħiet mill-Awtorità meta l-Qorti ordnat l-liberazzjoni tal-vettura favur is-soċjetatjiet konvenuti Paolo Bonnici Limited u Anthony Farrugia Company Limited[2] u għaldqstant ir-reġistrazzjoni tal-vettura setgħet tiġi trasferita liberament.

---

[1] Vide sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar fl-ismijiet Paolo Bonnici Limited vs Anthony Dowling f'ismu propju u għas-soċjeta Caymania Company Limited deċiża fis-26 ta' Frar 20008

[2] Vide xhieda ta' Brian Farrugia, impjegat bħala Legal Officer mal-Awtorita` konvenuta a fol. 82 et seq. tal-proċess

Ma jirriżultax kontestat bejn il-partijiet illi l-vettura li spiċċat fil-pussess ta' Emanuel Deguara hija l-istess vettura li kienet xtrat is-soċjetà konvenuta Caymania Limited b'titolu ta' *hire purchase* mingħand is-soċjetà attriċi.

Għaldaqstant, permezz ta' din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob dikjarazzjoni mill-Qorti illi s-soċjetà konvenuta Caymania Limited naqset milli tħallas il-prezz pattwit għall-bejgħ tal-vetturia Kia Carnival bin-numru tar-reġistrazzjoni DAN 611 kif ukoll dikjarazzjoni li s-soċjetà konvenuta msemmija hija debitriċi fil-konfront tas-soċjeta attriċi fl-ammont ta' €15,616.43 u dikjarazzjoni li l-ftehim ta' *hire purchase* iffirmat bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta msemmija għandu jiġi dikjarat xolt, kif ukoll dikjarazzjoni li l-imsemmija vettura kienet dejjem u għadha proprjeta tas-soċjetà rikorrenti. Is-soċjetà attriċi qiegħda titlob ukoll dikjarazzjoni li l-proċedura tas-subbasta hija leżiva tad-drittijiet tagħha stante li nbiegħet proprjetà tagħha u mhux tas-soċjetà debitriċi u li tiġi dikjarata nulla l-proċedura ta' bejgħ bis-subbasta tal-vettura msemmija stante li l-proċedura kienu afflitti minn irregolaritajiet kif ukoll illi nbiegħet proprjetà li ma kienitx tappartjeni lis-soċjetà konvenuta Caymania Limited. Għaldaqstant, l-attriċi qiegħda titlob ukoll illi l-liberazzjoni magħmula fil-konfront tas-soċjetajiet konvenuti Paolo Bonnici Limited u Anthony Farrugia Company Limited tiġi dikjarata nulla u bla effett kif ukoll illi l-Awtorità konvenuta għandha tagħmel korrezzjoni fir-reġistrazzjoni tal-vettura, u finalment hija talbet illi l-Qorti tordna r-rilaxx tal-vettura favur is-soċjetà attriċi.

Il-konvenuti kollha ħlief Caymania Limited li hija kontumaċi laqgħu għat-talbiet attriċi b'eċċezzjonijiet preliminari kif ukoll fil-mertu. Il-Qorti ser tibda billi tikkunsidra l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari[3].

Il-konvenuti Awtorità għat-Trasport f'Malta, Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali u Emanuel Deguara eċċepew illi mhumiex il-leġittimi kontradittturi għat-talbiet attriċi.

---

[3] Fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Direttur Qrati u Ċivili li l-azzjoni hija monka u nulla fil-konfront tal-eċċepjent stante li l-azzjoni ġiet intavolata kontra entita`, ossia r-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, li ma huwiex aktar kontemplat fil-liġi, jirriżulta li l-Qorti laqgħet it-talba tas-soċjeta rikorrenti għall-korrezzjoni meħtieġa (fol 62. tal-proċess) u għaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni.

Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri fl-ismijiet **Grace Sacco vs Is-Supretendent Mediku fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex et**, deċiża fis-16 ta' Ottubru 2007:

> "*Hu fatt li sabiex jiġi stabbilit jekk persuna hijiex jew le l-leġittimu kontradittur ta' parti f'kawża, jeħtieġ li fl-ewwel lok jiġi stabbilit fuq bażi ta' prima facie jekk il-persuna li ġiet imħarka kienetx materjalment involuta f'dak li minnu qegħda tilmenta l-attriċi. Ċioè jekk bl-aġir tiegħu ħoloq relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini kif ġew proposti mill-attriċi*."

Proprju dwar dan, l-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et, deċiża fil-5 ta' Ottubru 2001 sostniet illi:

> "*Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinsab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi – kif iddeċidiet korretament f'dan il-każ – illi l-konvenut kien ġie sewwa ċitat in kwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddieħor jew lejn ħaddieħor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozzju u allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża*."

Il-Qorti jirriżultalha li d-Direttur, Qrati u Tribunali Ċivili għandu raġun fl-eċċezzjoni tiegħu in kwantu li ma jirriżultax li ebda talba tas-soċjeta rikorrenti ma hija indirizzata lejh u fi kwalunkwe każ ma kinitx meħtieġa l-preżenza tad-Direttur intimat f'dawn il-proċeduri sabiex tiġi dikjarata nulla u bla effett

is-subbasta u liberazzjoni in kwistjoni u għaldaqstant din l-eċċezzjoni qiegħda tintlaqa' fil-konfront tal-konvenut Direttur, Qrati u Tribunali Ċivili.

Fir-rigward tal-Awtorità intimata, il-Qorti ma jidhrilhiex illi għandu jiġi dikjarat li mhijiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri stante li saret talba espressa sabiex tagħmel il-korrezzjoni neċessarja fl-eventwalità li l-Qorti ssib illi għandu jkun il-każ li jsir hekk, korrezzjoni li hi biss tista' tagħmel, u għaldqastant ma għandhiex tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju iżda l-involviment minimu tal-Awtorità f'dawn il-proċeduri ser ikun rifless fid-deċiżjoni tal-Qorti dwar l-ispejjeż tal-kawża.

Fir-rigward tal-konvenut Emanuel Deguara, jirriżulta mill-provi li l-vettura in kwistjoni hija filfatt irreġistrata f'isem ibnu Eric Deguara. Iżda jirriżulta wkoll illi effettivament kien il-konvenut Emanuel Deguara li xtara l-vettura versu l-prezz ta' €6000 kif ukoll jirriżulta li huwa effettivament kellu l-pussess fiżiku tal-vettura fil-mument meta ġie eżegwit il-mandat ta' qbid kawtelatorju fuq talba tas-soċjetà attriċi u għaldaqstant din il-Qorti jirriżultalha li l-konvenut huwa effettivament l-leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi in kwantu li waħda minn dawn it-talbiet hija proprju sabiex il-vettura in kwistjoni tiġi rilaxxata, u minkejja l-fatt illi r-reġistrazzjoni tal-vettura m'għadhiex tgħajjat lilu, kif diġa ngħad jirriżulta li huwa kellu l-pussess fiżiku tal-mobbli in kwistjoni fi żmien illi nbdew il-proċeduri.

Il-konvenut Emanuel Deguara jeċċepixxi wkoll illi l-kreditu vantat mis-soċjetà attriċi huwa preskritt ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. F'dan ir-rigward jiġi osservat illi s-soċjetà attriċi, minkejja li effettivament għamlet talba sabiex jiġi dikjarat illi s-soċjetà konvenuta Caymania Limited hija debitriċi fil-konfront tagħha, ma għamlitx talba għal ħlas iżda talba għad-dikjarazzjoni msemmija sabiex din tkun tista' twassal għat-tieni talba tagħha u ċioè li la l-prezz miftihem ma tħallasx kollu, il-vettura in kwistjoni baqgħet proprjetà tas-soċjetà rikorrenti. Fil-fatt, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-soċjetà rikorrenti tispjega li:

> "*is-soċjetà rikorrenti setgħet u għadha tista' titlob alternattivament, ix-xoljiment ta' dan il-ftehim u r-restituzzjoni tal-vettura, inkella l-ħlas kollu tal-bilanċ dovut. Permezz ta' din il-kawża, l-esponenti qegħdha titlob ix-xoljiment tal-kuntratt u r-restituzzjoni tal-vettura*."

B'żieda ma dan huwa stabbilit illi l-preskrizzjoni toqtol l-azzjoni u mhux l-obligazzjoni. In kwantu li f'dan il-każ is-soċjetà rikorrenti għażlet illi titlob dikjarazzjoni li l-ammont ma tħallasx u x-xoljiment tal-ftehim u restituzzjoni tal-vettura, u mhux li jitħallas il-bqija tal-prezz miftiehem, il-preskrizzjoni kwinkwennali eċċepita mill-konvenut Emanuel Deguara mhijiex applikabbli u għaldaqstant din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

Il-konvenut Emanuel Deguara eċċepixxa wkoll in linea preliminari li din l-azzjoni hija intempestiva u f'dan l-istadju it-talba għan-nullità tal-proċedura tas-subbasta bin-numru 84/2009 hija inproponibbli quddiem din il-Qorti stante li kwalsiasi talba kellha ssir fl-atti tas-subbasta in kwistjoni.

L-artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk:

> "*(1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi*."

Il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Paul Cutajar et vs Paul Micallef, deċiża fil-25 ta' Frar 2013 fejn ingħad illi l-fatt illi l-attriċi kellha rimedju taħt l-artikolu 281 msemmi sabiex timpunja l-att eżekuttiv (il-bejgħ bl-irkant) permezz ta' rikors, ma jfissirx li ppreġudikat id-drittijiet tagħha għas-sempliċi fatt li minflok ippreżentat kawża.

Din il-Qorti taqbel perfettament ma dak li ntqal mill-Qorti fis-sentenza msemmija u għaldaqstant din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

Permezz tar-raba' eċċezzjoni tiegħu, l-konvenut Emanuel Deguara jeċċepixxi li s-soċjetà rikorrenti mgħandhiex dritt tivvanta kwalsiasi pretiża fuq il-vettura in kwistjoni stante li minn imkien ma jirriżulta li din għadha tagħha. F'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma u anke in vista ta' dak li se jingħad aktar l'quddiem f'din is-sentenza fir-rigward tal-ftehim bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta Caymania Limited, huwa altru evidenti mill-ftehim illi ġie ppreżentat mar-rikors ġuramentat bejn is-soċjetajiet imsemmija li l-vettura kellha tibqa' proprjetà tas-soċjetà rikorrenti sakemm jitħallas il-bilanċ kollu, u għaldaqstant, ċertament ma jistax jingħad illi s-soċjetà rikorrenti ma setgħetx tipproponi din l-azzjoni għaliex minn imkien ma jirriżulta li din il-vettura għadha tagħha, in kwantu li l-ftehim imsemmi jindika xort'oħra.

Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi wkoll miċħuda.

Fil-mertu, kif diġà ngħad jirriżulta mill-provi li bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta Caymania Limited kien jeżisti ftehim ta' *hire purchase*, komunement imsejjaħ f'termini legali *pactum cum riservati dominii*. L-effett ta' dan il-ftehim huwa deskritt fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kummerċjali fl-ismijiet Bonnett vs Azzopardi datata 28 ta' Ġunju 1922 fejn kien ritenut illi:

> "*In-natura intrinsika ta' dan il-kuntratt hija li fih żewġ stadji ben distinti. Is-sid ta l-oġġett għall-kirja speċifika, b'dan li l-proprjetà ta' l-oġġett ma tgħaddix għand ix-xerrej sakemm il-prezz ma jkunx imħallas kollu. Il-venditur jibqa' legalment konsidrat li hu s-sid ta' l-oġġett u l-proprjetà ma tgħaddix lill-venditur sakemm il-prezz tiegħu ma jkunx ġie saldat*."

Is-soċjetà attriċi ssostni illi fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' din il-vettura f'isem is-soċjetà konvenuta Caymania Limited kien operattiv *Regulation* 25 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, liema regolamenti ġew emendati fl-2004 u filfatt dan l-

artikolu ġie mħassar. L-informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni u restrizzjoni fuq it-trasferiment tal-liċenzja tal-vettura, kif ukoll illi l-vettura in kwistjoni kienet filfatt irreġistrata taħt il-provvedimenti ta' *Regulation* 25 ġiet ukoll kkonfermata mix-xhud Brian Farrugia fid-depożizzjoni tiegħu. Fil-kawża fl-ismijiet Gruppetta vs Florian, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fid-29 ta' Jannar 1980 u msemmija mis-soċjetà attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, kien ġie ritenut illi l-hekk imsejjaħ Regolament 25 ma kienx jiddetermina l-proprjetà tal-vettura stante li dan jiġi determinat mill-ftehim li jkun intlaħaq bejn il-kontraenti:

> "*L-iskop tar-regolament hu allura biex jassigura li f'kull mument ikun hemm persuna ben identifikata li tkun responsabbli għall-vettura reġistrata mal-Kummissarju tal-Pulizija biex tirrispondi skond il-liġi għal dak li seta' jiġri bl-użu ta' l-istess vettura. Ir-reġistrazzjoni u l-liċenzja tal-vettura jistgħu jkunu elementi ta' prova biex jiġi determinat min kien il-proprjetarju tagħha però dak li hu verament determinanti huwa l-ftehim kontrattwali bejn il-kontraenti u l-kondizzjonijiet li jirregolaw tali ftehim. Fil-każ taħt eżami ma hux kontestat li l-ftehim kien wieħed ta' 'hire purchase' u huma r-regoli ġjuridiċi applikabbli għal dan il-kuntatt li kellhom jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet*."

Kif diġà ingħad ukoll, jirriżulta li s-soċjetà konvenuta Caymania Limited minkejja li debitament notifikata, baqgħet kontumaċi. Iżda però skont il-liġi, l-kontumaċja ma tfissirx u ma tistax tiġi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet Blye Engineering Co. Ltd vs Philip Borg Bellanti et deċiża fit-22 ta' Gunju, 2005, mill-Qorti tal-Appell Inferjuri:

> "*... huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35*."

Konsiderati dawn il-prinċipji, l-Qorti ssib illi s-soċjetà attriċi rnexxilha tipprova bid-dokumentazzjoni ppreżentata minnha, kemm illi l-vettura in kwistjoni kellha tinxtara b'kuntratt ta' *hire purchase*, u kemm illi s-soċjetà konvenuta Caymania Limited naqset milli tħallas l-ammont kollu dovut u li hija għalhekk debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' €15,616.43. Għaldaqstant, il-konklużjoni hija waħda: li l-vettura in kwistjoni kellha tibqa' proprjetà tas-soċjetà rikorrenti.

Il-Qorti sejra issa tikkunsidra t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti li jirrigwardaw il-proċedura tas-subbasta u t-talba sabiex il-vettura in kwistjoni tiġi rilaxxata favur l-istess soċjeta attriċi, l-ewwel nett billi tqis il-pożizzjoni tal-konvenut Emanuel Deguara.

L-artikolu 558(1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li:

"*Għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli minnhom infishom, jew titoli għall-purtatur, il-pussess għandu, favur it-terzi ta' bona fidi, l-effett stess tat-titolu, bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra għal dawk li huma bastimenti*."

Sabiex il-konvenut Deguara jopponi t-talba tal-attur għal rivendika tal-vettura in kwistjoni, huwa jeħtieġ illi jipprova li meta għamel l-akkwist kien in bona fede, għaliex għad li huwa veru illi fil-każ ta' mobbli 'per natura' salv eċċezzjonijiet, il-pussess għandu l-istess effett ta' titolu, dan jgħodd biss favur it-terz in bona fede (artikolu 558 tal-Kodiċi Ċivili). Jekk dan ir-rekwiżit ma jirrikorrix fil-konvenut, allura japplika l-artikolu 322 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid illi sid ta' ħaġa għandu jedd jitlobha lura mingħand kull possessur. Iżda però, fil-każ ta xi ħaġa mitlufa jew misruqa, l-bona fede tal-possessur ma hi ta' ebda ostaklu biex is-sid jirrivendikaha, imma n-nuqqas tagħha, jew in-nuqqas ta' titolu oneruż fl-akkwist, jew is-sempliċi negliġenza tal-possessur jimporta li s-sid ta' dik il-ħaġa mitlufa jew misruqa jeħodha lura bla ma jindennizza lill-possessur. Fil-każ ta' ħwejjeġ mobbli oħra, l-bona fidi tal-possessur tneħħi għal kollox id-dritt tar-rivendika tas-sid anke jekk il-possessur ikun akkwista l-ħaġa b'titolu gratuwit u anke jekk kien merament negliġenti, b'mod li ma tneħħix il-bona fidi tiegħu (Carmelo

Petroni pro et noe vs Joseph Fenech, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Ċivili) fis-27 ta' Frar 1959).

Għaldaqstant irid jiġi stabbilit jekk il-konvenut Deguara għandux jiġi kkunsidrat bħala possessur in bona fede. Artikolu 531 tal-Kodiċi Ċivil jipprovdi li:

> *"persuna li, għal raġunijiet li għandhom mis-sewwa, taħseb li l-ħaġa li tipposjeda hija tagħha, hija pussessur ta' bona fidi*."

Skont artikolu 532 imbaghad, il-bona fede hija presunta u allura min jallega l-mala fede għandu jippruvaha. F'dan il-każ ma jirriżultax illi l-attur qiegħed jallega li l-possessur huwa in mala fede.

Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Avukat Dottor Gavin Gulia nomine vs Sergio Zampa proprio et noe, deċiża fil-31 ta' Mejju 2000:

> *"Mill-banda l-oħra jekk ma tiġix provata mill-attur il-mala fede tal-konvenut, jekk dan ta' l-aħħar ikun akkwista b'titolu oneruż u jekk ikun akkwista mingħand persuna li minn dak li kien jidher seta' kien sid il-ħaġa offerta għall-bejgħ, jew seta' kien persuna mqabbda mis-sid biex tiddisponi minn dik il-ħaġa, il-kompratur ma kellux l-obbligu li jindaga oltre dwar l-identità tal-venditur. Dan naturalment ma jfisserx li l-kompratur seta' jixtri b'għajnejh magħluqa f'kull ċirkostanza. Hu kellu l-obbligu li japprezza sewwa dak li kien jidher. Li jfisser li jekk iċ-ċirkostanzi kienu tali li kellhom normalment iqanqlu dubju fil-bniedem raġjonevoli dwar il-provenjenza ta' l-oġġett li kien qed jiġi lilu offert għall-bejgħ, jew dwar ir-rabta bejn dak l-oġġett u s-sid veru tiegħu, hu kien obbligat li jagħmel l-indaġini kollha neċessarji għaliex altrimenti jkun qed jixtri għar-riskju tiegħu. F'dan il-kuntest jassumu allura rilevanza ċ-ċirkostanzi li ġraw wara li ġie konkluż il-bejgħ, u kif il-konvenut ikkomporta ruħu*."

Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Miriam Cremona et vs Eucharist Bajada et, deċiża fil-15

ta' Novembru 2013, b'riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Avukat Dottor Gavin Gulia nomine vs Sergio Zampa proprio et noe msemmija, spjegat illi l-prinċipji kkonfermati mill-Qorti tal-Appell huma dawn: ix-xerrej għandu favur tiegħu l-presunzjoni tal-*buona fede*. Għalhekk jispetta lill-attur li jagħti provi li x-xerrej kien f'mala fede, u li x-xerrej kellu l-obbligu ta' diliġenza meta xtara l-oġġett, element li x-xerrej irid jagħti prova tiegħu.

Il-Qorti hija tal-fehma li ma jirriżultax li Deguara kien in mala fede meta xtara l-vettura u dan meqjus illi Deguara ma kellu ebda raġuni għalfejn jissuspetta li l-vettura in kwistjoni ma setgħetx tinbiegħ meta wieħed iqis li t-trasferiment tar-reġistrazzjoni mal-Awtorità konvenuta kienet regolari u kien ir-rappreżentant tal-Awtorità konvenuta stess li kkonferma fix-xhieda tiegħu li t-*transfer restriction* tneħħiet u ma kien ġie nfurmat ħadd la li kien hemm *transfer restriction* u lanqas li tneħħiet. B'żieda ma dan, xehed ukoll Alfred Mansueto, il-persuna mingħand min xtara l-vettura l-kovenut, li wkoll ikkonferma li ma kien hemm ebda ħjiel illi kien hemm xi irregolarità fir-reġistrazzjoni jew akkwist tal-vettura. Il-konvenut Deguara altru milli wera li kien diliġenti fl-akkwist tal-vettura in kwistjoni. B'żieda ma dan, il-konvenut Deguara żamm l-istess numru ta' reġistrazzjoni. Kieku kellu xi suspett dwar il-vettura ċertament illi kien jitlob li jinbidel in-numru sabiex il-vettura ma tkunx tista' effettivament tingħaraf meta tkun qiegħda tinstaq fit-triq. Ċirkostanzi li jkomplu jikkonvinċu lill-Qorti li Deguara sab ruħ f'din is-sitwazzjoni intortament.

Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Bertu Camilleri vs Harold Bartoli et noe, deċiża fid-9 ta' Ottubru 2003:

> "*Sakemm ix-xerrej ikun in buona fede u jixtri l-oġġetti mhux bil-ħabi imma mingħand persuna li, apparentement, setgħet tbiegħ u tiddisponi minn dawk l-oġġetti, dak ix-xerrej isir il-proprjetarju ta' dawk il-mobbli*."

Stabbilita l-bona fede tal-pussessur, l-Qorti tikkunsidra wkoll illi kif ikkonferma Raymond Bajada stess, is-soċjetà attriċi qatt ma inizjat proċeduri ġudizzjarji fil-konfront tas-soċjetà konvenuta

Caymania Limited għal ħlas tal-ammont dovut jew għax-xoljiment tal-ftehim ta' *hire purchase*. Lanqas ma jirriżulta li s-soċjetà attriċi attentat li tattakka l-proċedura tas-subbasta ai termini tal-artikolu 281 msemmi, li kien jaghtiha dan id-dritt. Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tas-soċjetà attriċi li hija ma setgħetx tattakka l-proċeduri mingħajr dikjarazzjoni li hija sid il-vettura in kwantu li hija setgħet ippreżentat l-istess dokumenti li ġew ippreżentati minnha quddiem din il-Qorti. B'żieda ma dan, il-fatt illi s-soċjetajijiet konvenuti kredituri tas-soċjetà konvenuta Caymania Limited kienu bdew il-proċedura tas-subbasta ma jfissirx li kellhom xi vantaġġ fuq kredituri oħra li kieku dawn resqu l-pretensjonijiet tagħhom skont il-liġi. Biss jirriżulta li għal snin sħaħ is-soċjeta attriċi ma għamlet xejn, u dan sakemm darba b'kumbinazzjoni lemħet il-vettura in kwistjoni fir-triq, iżda sadanittant il-vettura kien laħaq xtraha terz in bona fede. Kieku s-soċjetà attriċi kienet aktar proattiva sabiex tikseb pronunzja ġudizzjarja fir-rigward tad-drittijiet tagħha, il-partijiet ma kinux isibu ruħhom f'din is-sitwazzjoni fejn il-vettura in kwistjoni issa tinsab fil-pussess ta' terz in bona fede.

B'żieda ma dan u fir-rigward tal-proċedura tas-subbasta, il-Qorti jirriżultalha li huwa evidenti li ħafna mill-irregolaritajiet li ssemmi s-soċjetà attriċi huma każijiet ċari ta' *lapsus calami*, għalkemm il-Qorti mhijiex teskludi li jista' jkun illi kien hemm xi irregolaritajiet proċedurali oħra, l-aktar waħda serja fosthom il-bejgħ ta' proprjeta li ma kinitx tad-debitur. Minkejja dan u b'żieda ma dak li diġa ntqal fir-rigward tal-inattivita tas-soċjetà attriċi għal diversi snin, il-Qorti tqis illi mhuwiex il-każ illi tiġi annullata l-proċedura tas-subbasta u dan peress illi kif ġie stabbilit, il-vettura in kwistjoni llum tinsab f'idejn terz illi ċertament m'għandux ibati intortament f'din is-sitwazzjoni. Lanqas ma jirriżulta xi mala fede da parti tas-soċjetajiet konvenuti Paolo Bonnici Limited u Anthony Farrugia Company Limited. Il-vettura in kwistjoni kienet reġistrata f'isem Caymania Limited, id-debitriċi tagħhom. Ma ġiex ippruvat illi huma kienu konsapevoli tal-fatt li kien hemm xi *transfer restriction* fuq il-vettura meta sar il-mandat ta' qbid fuq talba tagħhom jew meta seħħ il-bejgħ bis-subbasta u wisq inqas ma jirriżulta li kienu jafu li din kienet għadha legalment proprjetà ta' terzi in kwantu li l-prezz tagħha qatt ma tħallas kollu lis-

soċjetà rikorrenti. Kif diġà ngħad, fix-xhieda tiegħu Brian Farrugia, rappreżentant tal-Awtorità konvenuta, jikkonferma li l-Awtorità ma kienet infurmat lil ħadd bit-*transfer restriction* illi kien hemm fuq il-vettura meta rċiviet l-ordni tal-Qorti fir-rigward tal-bejgħ bis-subbasta, la lill-Qorti u lanqas lill-persuni favur minn din il-vettura kellha tiġi trasferita.

F'dan is-sens issir riferenza wkoll għas sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Mario Galea et vs Francis Said et, deċiża fis-16 ta' Jannar 2003 fejn ġie ritenut illi:

> "*bħala regola, kull min jixtri u jieħu pussess ta' oġġett mobbli in buona fede, isir il-proprjetarju tal-istess, Dan hu prinċipju sanċit fl-artikolu 558 tal-Kodiċi Ċivili u hu maħsub biex jifaċilizza ċ-ċirkulazzjoni ta' effetti mobbli. Dik l-obbligazzjoni ittieħdet minn Martin Galea fil-konfront ta' ommu (u issa, wara l-mewt tagħha, favur il-werrieta tagħha), iżda ma twassalx għan-nullità tan-negozju li jsir bi ksur ta' dik l-obbligazzjoni meta l-parti l-oħra tkun in buona fede. L-obligazzjoni li assuma Martin Galea għandha biss in-natura ta' obligazzjoni għad-danni iżda mhux l-att innifsu jitħassar*."

Huwa veru li bejgħ taħt l-awtorità tal-Qorti m'huwiex bejgħ volontarju mis-sid, jew f'dan il-każ mis-sid preżunt tal-proprjeta, iżda dan ma jnaqqas xejn mill-fatt illi l-vettura in kwistjoni spiċċat inxtrat minn terz in bona fede, u huwa dan it-terz illi l-liġi timmira sabiex tipproteġi f'dan il-każ. Kif ingħad fis-sentenza citata, is-soċjetà attriċi dejjem tista' tagħmel kawża għad-danni kontra min jirriżultalha li kien responsabbli għal fatt illi sabet ruħha fis-sitwazzjoni, u għal dan il-għan it-tielet talba attriċi ser tintlaqa', iżda ma tistax is-soċjetà attriċi tipretendi li tiġi rettifikata s-sitwazzjoni li sabet ruħha fiha billi titlob dikjarazzjoni tan-nullità tal-proċeduri tas-subbasta a skapitu ta' terza persuna in bona fede.

F'dan l-istadju, l-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-Awtorità konvenuta m'għenitx is-sitwazzjoni meta neħħiet it-*transfer restriction* fuq il-vettura in kwistjoni mingħajr ghall-anqas infurmat is-soċjetà rikorrenti b'dan. Huwa veru li kienet qiegħda taġixxi fuq ordni tal-Qorti, imma fiċ-ċirkostanzi tal-każ,

l-Awtorità kienet l-unika parti li setgħet raġonevolment indunat bl-iżball illi kien sar, kieku fliet l-ordni tal-Qorti bi ftit diliġenza, u f'dak l-istadju setgħet ġibdet l-attenzjoni tal-Qorti ta' x'kien ġara.

L-artikolu 559 tal-Kodiċi Ċivili japplika imbaghad jekk jirriżulta li l-mobbli in kwistjoni kienet misruq jew mitlufa. Dan l-artikolu jgħid:

> *"(1) Iżda, dak li jkun tilef il-ħaġa, jew li jkun ġie misruq minnha, jista' jitlobha lura billi jindennizza lill-pussessur.*
>
> *(2) Jista' wkoll jitlobha lura mingħajr l-obbligu li jindennizza lill-pussessur meta dan ma jkunx ħadha b'bona fidi, b'titolu oneruż, mingħand min, milli kien jidher, seta' kien sid dik il-ħaġa, jew seta' kien persuna mqabbda mis-sid biex tiddisponi mill-ħaġa*."

Gialadarba li l-Qorti hija moralment konvinta li l-konvenut Deguara kien in bona fede meta xtara l-vettura in kwistjoni, il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ għandu jiġi applikat wkoll għal każ l-artikolu 559(1) tal-Kodiċi Ċivili in kwantu li jirriżulta li s-soċjetà attriċi għandha tiġi kkunsidrata li tilfet il-karozza jekk mhux ukoll sfat vitma tas-serq tagħha in kwantu li l-Qorti hija sodisfatta li ġie provat illi l-vettura hija infatti proprjetà tas-soċjetà attriċi, li s-soċjetà konvenuta Caymania Limited ħadet pussess tal-karozza mingħajr ma ħallset il-prezz kollu tagħha, u s-soċjetà attriċi qatt ma setgħet issib x'sar minnha l-vettura, sakemm darba inzertat ratha b'kumbinazzjoni ġewwa r-Rabat, Għawdex.

Il-konvenut Deguara jisħaq illi t-talbiet attriċi ma jistgħux jintlaqgħu fil-konfront tiegħu għaliex, fost raġunijiet oħra, huwa mhuwiex is-sid tal-vettura. Iżda l-Kodiċi Ċivili b'riferenza għal mobbli fl-artikolu msemmija, jitkellem dwar il-pussessur u f'dan il-każ kif diġa ngħad huwa ċar illi l-pussess effettiv tal-vettura kienet f'idejn il-konvenut Deguara u mhux f'idejn ibnu. Deguara kkonferma wkoll illi kien huwa li ħallas għall-vettura in kwistjoni.

Kif diġà ngħad, l-artikolu 559(1) jiprovdi li sabiex s-soċjetà attriċi tieħu l-vettura lura hija trid tindennizza lill-konvenut Deguara. Indenizz li fil-fehma tal-Qorti għandu jitħallas kontestwalment mal-konsejna tal-vettura. Għalkemm huwa minnu li fir-rikors ġuramentat m'hemmx talba espressa għal likwidazzjoni ta' xi somma flus, fil-fehma tal-Qorti dan hu ġudizzju fejn għandu jsir tali eżerċizzju ġialadarba s-sid li jitlob l-oġġett lura għandu obbligu li jindennizza lill-pussessur. Dan meħud ukoll in konsiderazzjoni li fir-rikors ġuramentat hemm talba sabiex il-vettura tiġi rilaxxata favur is-soċjeta rikorrenti. Kif ingħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża msemmija fl-ismijiet Miriam Cremona et vs Eucharist Bajada et iżda fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Marzu 2015:

> "*Il-Qorti hija tal-fehma li l-artikolu 559 għandu jiġi nterpretat fis-sens li l-indenniz għandu jkun il-ħlas lura tal-prezz li ħallas il-pussessur in buona fede. Hekk ukoll għandu dritt per eżempju għall-ispejjeż li jkun għamel sabiex jirrestawra jew jikkonserva l-oġġett. Fil-fehma tal-Qorti l-liġi għandha tiġi nterpretata b'mod li l-patrimonju tal-akkwirent ma jsofriex telf filwaqt li l-pussessur jerġa jitqiegħed fl-istess posizzjoni li kien qabel ngħata l-pussess tal-mobbli.*"

F'dan il-każ, jirriżulta li l-konvenut Deguara xtara l-vettura għall-ammont ta' €6000. Huwa xehed ukoll illi għamel ammont ta' spejjeż fuq il-vettura iżda tenut kont tat-trepass ta' żmien u tad-deprezzament tal-vettura, l-ammont illi għandu jitħallas mis-soċjetà attriċi bħala indennizz għandu jkun l-ammont illi ħallas Deguara sabiex xtara l-vettura.

Għaldaqstant u għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara li l-konvenut Direttur Tribunali u Qrati Ċivili[4] mhumiex il-leġittimi kontradditturi f'dawn il-proċeduri u tilliberhom mill-osservanza tal-ġudizzju;

---

[4] u l-Qorti b'digriet tat-12 ta' Lulju, 2016, ordnat li jizdiedu l-kliem "u d-Direttur Generali (Qrati)"

2. Tiċħad l-eċċezzjoniijiet preliminari tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u Emanuel Deguara;

3. Tilqa' l-ewwel, tieni u tielet talbiet attriċi;

4. Tiċħad ir-raba' u ħames talba attriċi;

5. Riferibbilment għas-sitt u s-seba' talba attriċi, tikkundanna lill-konvenut Emanuel Deguara sabiex jagħti lura lis-soċjetà attriċi l-vettura Kia Carnival 2.9TDI bin-numru ta' reġistrazzjoni 'DAN 611' fi żmien tletin (30) ġurnata mil-lum diment li kontestwalment is-soċjetà attriċi tħallas lill-konvenut Deguara s-somma ta' sitt elef Ewro (€6000). Il-konvenut Deguara għandu jagħti lis-soċjetà attriċi d-debita riċevuta. Fin-nuqqas, tawtorizza lis-soċjetà attriċi sabiex tieħu l-vettura bl-assistenza ta' uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti b'dan illi kontestwalment is-soċjetà attriċi tħallas lill-konvenut Deguara l-ammont ta' sitt elef Ewro (€6000). Jekk dakinhar il-konvenut Deguara ma jippreżentax ruħu biex jieħu l-flus jew jirrifjuta, s-soċjetà attriċi għandha tiddepożita s-somma msemmija fir-Reġistru tal-Qorti f'isem il-konvenut Deguara. L-Awtorità konvenuta għandha tirreġistra l-vettura f'isem is-soċjeta attriċi fuq talba tal-istess soċjetà attriċi u dan dment illi s-soċjetà attriċi tipprovdi lill-Awtorità kopja tar-riċevuta tal-ħlas tal-ammont imsemmi lill-konvenut Deguara jew kopja taċ-ċedola ta' depożitu f'isem il-konvenut Deguara skont il-każ.

Spejjeż jitħallsu in kwantu għal nofs mis-soċjetà attriċi u nofs mill-konvenuti in solidum bejnithom b'dan illi s-soċjetà konvenuta Caymania Limited għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tagħha u s-soċjetà attriċi għandha tħallas ukoll l-ispejjeż tad-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali.

IMHALLEF

DEP/REG